**31 ta' Awissu, 1962.**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

L-Unur Tiegħu Sir Archibald Campbell ne.

*versus*

Surgeon Captain Vincent Tabone, M.D., D.O. (Oxon.), D.D.M.SS. (Lond.), F.R.C.S. (Edin.) et ne.

**Arbitraġġ — Deċiżjoni tal-Maġġuranza.**

*Meta jiġu nominati aktar minn persuna waħda mill-partijiet interessati bħala arbitri, biex jiddeterminaw u jirriżolvu kontroversja li jkun hemm bejn l-istess partijiet, il-"lodo" ta' dawk l-arbitri jkollu saħħa li jorbot lil dawk il-partijiet li assoġġettaw ruħhom b'konvenzjoni għal dak l-arbitraġġ, anki jekk ikun id-deċiżjoni tal-maġġuranza tal-arbitri, u ma jkunx unanimi, ammenokkè ma jkunx ġie miftiehem bejn l-istess kompromettenti li d-deċiżjoni tal-arbitri, biex tkun vinkolanti għall-kompromettenti, trid tkun unanimi.*

*L-arbitru mhux obligat jimmotiva r-respons tiegħu, ammenokkè ma jkunx ġie lilu espressament impost dak l-obligu fl-iskrittura kompromissorja, jew f'xi miktub ieħor "inter partes".*

*Il-fatt li wieħed mill-arbitri ma jaqbelx mal-oħrajn u jkun in minoranza, ma jiġġustifikahx li jinnega s-sottoskrizzjoni tiegħu fil-"lodo"; se maj, jista' jiffirmah u jgħid li hu dissenzjenti; jekk b'dan kollu hu ma jiffirmax il-"lodo", innuqqas tal-firma tiegħu, jekk jiġi mill-arbitri in maġġuranza menzjonat fil-korp tal-"lodo", ma jipprovokax l-invalidità tal-istess "award".*

Il-Qorti:— Rat id-deċiżjoni tat-Tribunal Superjuri tal-Gżejjer ta' Malta u Għawdex u Dipendenzi l-oħra tal-10 ta' April 1961, minn fejn jidhru sew it-talba attriċi kemm ukoll l-eċċezzjonijiet konvenuti, u fejn ġie deċiż li l-attur nomine kellu d-dritt li jipproduċi lix-xhud imsemmi f'dik l-istess deċiżjoni bħala xhud tiegħu quddiem il-Qorti, u dan indipendentement mis-smiegħ tiegħu per mezz tar-rogatorji (għal liema xhieda quddiem il-Qorti direttament kien donnu jidher li l-konvenuti nomine ma kienux jinsistu li jinstama' bil-proċedura tar-rogatorji jekk u fil-każ li l-istess

xhud jidher personalment quddiem din il-Qorti), u di konsegwenza ġie affermat li l-attur nomine kellu jkollu l-opportunità li jipproduċi dak l-istess xhud "di persona" quddiem din il-Qorti malli huwa jkun jista' jagħmel arranġamenti sabiex jiġi miġjub jew jiġi f'dawn il-Gżejjer, u fejn l-istess Qorti ordnat għall-iskop premess li l-istess kawża tiġi riappuntata għal ġurnata u ħin determinati konvenjenti kif ikun jidhrilha xieraq din il-Qorti, u fis-sens premess laqgħet l-appell tal-attur nomine, u rrevokat id-digriet ta' din il-Qorti, li kien ġie diskuss u dibattut quddiemha; bl-ispejjeż li rregolat li jiġu sopportati bla taxxa bejn il-kontendenti;

*Omissis:*

Ikkunsidrat;

*Mill-att promotorju tal-ġudizzju* jidher li l-attur *nomine qiegħed jipproponi li jiġi determinat li d-deċiżjoni* a maġġjoranza tal-arbitri maħtura sabiex jiffurmaw "Special Medical Conciliation Board", tat-18 ta' Mejju 1960, sabiex tirregola d-diverġenza bejn il-Gvern Ċivili ta' Malta u l-"Medical Officers' Union", dwar il-pożizzjoni tal-uffiċjali mediċi fl-istruttura ġdida tas-salarji, għandhiex ikollha s-saħħa li torbot lill-partijiet li assoġġettaw ruħhom b'konvenzjoni għal dak l-arbitraġġ; mentri mill-banda l-oħra, kif isostnu l-konvenuti nomine, dik l-istess deċiżjoni arbitrali, sabiex tkun tirrifletti l-fehma konsenswali taż-żewġ kontendenti, u tkun kompleta u vinkolanti, riedet u kellha tkun ta' vot unanimi tal-istess arbitri nominati, u, jekk il-membri ma jaqblux unanimament, ried ikun hemm ftehim bejn il-membri kollha tal-Bord dwar il-proċedura kif għandu jiġi determinat l-"award" preventivament, qabel ma joħroġ l-"award" — dak li l-konvenuti nomine jgħidu li ma sarx mill-membri tal-kummissjoni. In subordine, mill-konvenuti nomine ntqal ukoll li dik id-deċiżjoni arbitrali ommettiet li tadempixxi dak kollu li kien ġie lill-istess kummissjoni tal-arbitri riferit — kwistjoni li, fil-ħsieb kunsidrat ta' din il-Qorti, mhix xejra minn kwistjonijiet legali dwar il-mod proċedurali tal-avanzament tagħha li għal issa ma hemmx bżonn li jiġu diskussi;

Illi minn dan li ntqal fuq jitnissel, loġikament u naturalment, li din il-Qorti għandha l-ewwel tgħaddi għall-eżami tal-ewwel oppożizzjoni, l-għaliex ħadd ma jista' jiddiskonoxxi li, jekk tiġi riżoluta f'sens negattiv għat-teżi attriċi, l-istess tkun per sè timporta determinazzjoni li tirrendi inutili l-eżami u riżoluzzjoni tal-eċċezzjoni subordinata. Del resto, il-partijiet kontendenti kkonċentraw il-provi u t-trattazzjoni rispettiva tagħhom għall-ewwel kwistjoni biss, u, kif fehmet din il-Qorti, irriżervaw li jiddiskutu t-tieni oppożizzjoni fi stadju ulterjuri, wara li tkun definita l-ewwel kwistjoni determinanti, skond l-eżitu li jista' eventwalment ikollha;

Ikkunsidrat;

Illi, delimitata b'dan il-mod il-kwistjoni li dwarha għall-mument tirraġġira ruħha l-kawża, mhux barra minn loku li jingħad li din il-Qorti tħoss li għandhom jiġu relatati l-fatti a bażi tal-kwistjoni odjerna;

Illi, in segwitu għall-fatt li l-partijiet ma rnexxielhomx jaslu għal ftehim fuq in-neguzjati kontemplati fl-iskrittura tal-25 ta' Mejju 1959 (dok. A fol. 8 tal-proċess) minnhom konvenuta, l-istess kontendenti u firmatarji tal-iskrittura nsemmija rrendew operattivi l-klawsoli 12, 13 14 u 15 ta' dik l-istess konvenzjoni; b'dan li, flok ħames persuni li kellhom jikkomponu li-"Special Medical Conciliation Board" l-istess korp kellu, fuq ftehim konkordatarju, ikun kompost minn tliet persuni u ċjoè minn membru wieħed propost mill-Gvern Ċivili, ieħor mill-Unjoni tal-Uffiċjali Tobba, li flimkien ma' persuna li kellha tippresjedi (maħtura fil-fatt minn terza persuna jew awtorità ingliża, u mhux mill-istess membri nominati mill-partijiet) li kellu jkun persuna ta' pożizzjoni u esperjenza, bit-termini segwenti:— "To settle any point of difference between the Government and the "Medical Officers' Union" on the basis of cases submitted by the respective parties, which will be limited to the position of Government medical officers in the new general salary structure for the Civil Service";

L-istess Bord ġie kostitwit fit-2 ta' Diċembru 1959, bin-nomina u aċċettazzjoni tal-persuni msemmija fl-atti tal-kawża; u ġie wkoll, fl-istess ħin, nominat is-segretarju tal-istess Bord imsemmi fil-proċediment tal-kawża. Kif jista' jidher mill-iskrittura tal-25 ta' Mejju 1959, l-istess kienet tikkontempla l-kompożizzjoni ta' "Special Medical Conciliation Board", kompost minn numru ta' membri hemm imsemmija li kellhom ikunu residenti fir-Renju Unit, u li kellu jkun ta' ħames membri li tnejn minnhom kellhom jiġu eletti mir-rispettivi partijiet komprometenti, liema numru, huwa paċifiku ġie in segwitu ridott għal tliet membri biss mill-istess partijiet, u ċjoè bil-jedd li kull parti tipprexelji membru u ż-żewġ membri hekk magħżula jkunu presjeduti minn persuna kif fuq intqal, bla ebda espressjoni dwar kif u kemm numerikament u personalment kellha tittieħed dik l-istess determinazzjoni espressament mill-istess Bord Speċjali Konċiljatorju. Fi kliem ieħor, dik l-iskrittura baqgħet siekta dwar jekk fid-determinazzjoni tal-membri tal-Bord jew Ġunta kellhiex tipprevali l-opinjoni tal-president, jew li di neċessità ir-respons ikun tat-tliet arbitri flimkien, u kwindi unanimu, jew inklelè li d-determinazzjoni tkun tal-maġġuranza, sabiex il-"lodo" jkun jista' jingħad u jiġi ritenut vinkolanti u definittivament sħiħ u obligatorju "inter partes";

Jingħad ukoll illi l-iskrittura oriġinali bejn il-partijiet komprometenti kienet tikkontempla l-proċedura tat-trattazzjoni skritta u orali tar-rispettivi punti di vista "hinc inde" tal-partijiet ċirka l-każi li kellhom jiġu sottomessi għall-formazzjoni tar-relazzjonijiet tal-pożizzjoni tal-Uffiċjali Tobba fil-konfront ta' dawk tas-Civil Servants fl-isfond ġenerali tal-istruttura ġenerali tas-salarji governattivi, ħalli l-arbitraturi jkunu jistgħu jaslu għal deċiżjoni ta' natura u karattru konċiljattiv;

Jirriżulta illi, qabel ma l-Bord kien iltaqa', u qabel ma l-partijiet kienu ġew oralment mismugħa, għall-ħabta ta' Novembru 1959 kien sar xi suġġeriment lill-Unjoni tal-Uffiċjali Tobba mill-Ministry of Labour Ingliż dwar il-proċedura, u t-tobba għalkemm iddikjaraw li aprijoristikament ma setgħux jaqblu li d-deċiżjoni tal-President tal-Bord tkun deċiżiva, kienu preparati li jħallu l-proċedura

tal-Bord għad-deċiżjoni tal-istess Bord (ara dok. F fol. 22 u depożizzjoni Crawley fol. 213). Dan kien jimporta dak li jinsab miktub fl-ittra tat-2 ta' Diċembru 1959 (fol. 214 u 304 para. 2), li ġiet diretta f'dak il-jum lill-membri tal-istess Bord. In segwitu fit-8 u 9 ta' Jannar 1960, fil-għodu wara li ġew sottomessi bil-miktub qabel is-seduti l-każijiet tar-rispettivi kompromettenti, il-partijiet iltaqgħu quddiem il-Ġunta u ssottomettew oralment ir-rispettivi pretensjonijiet tagħhom, bl-ispjegazzjonijiet meħtieġa, lill-membri tal-Ġunta, u l-verbali tal-udjenzi ġew in kopja preżentati lilhom mis-segretarju tal-Bord, u dwarhom ma jirriżultax li kien hemm ebda kwerela, la minn naħa u lanqas minn oħra (ara fol. 210 u 211). Fl-istess jum tad-9 ta' Jannar, wara nofsinhar, il-membri tal-Bord, flimkien mas-segretarju tiegħu, reġgħu ltaqgħu għal xi ħames sigħat; imma dak inhar ma ttieħdet ebda deċiżjoni minnhom u s-seduta ġiet differita għal jum ieħor li kellu jiġi fissat aktar tard;

Fl-20 ta' Jannar 1960 l-istess membri tal-Ġunta reġgħu ltaqgħu mis-7.30 p.m. sa ċirka l-11 p.m., u għal din is-seduta kien ukoll preżenti s-segretarju, u f'dan l-istess inkontru deher li l-istess membri ma setgħux jaslu għal ftehim dwar il-meritu tal-"lodo"; u għalkemm jingħad minn xi wħud mix-xhieda li fl-inkontru fuq imsemmi l-kwistjoni tal-proċedura ma ġietx imsemmija, la espressament u direttament u lanqas indirettament, iżda jirriżulta aċċertat li meta ġiet biex tagħlaq is-seduta il-president tal-Ġunta, f'ismu u f'isem il-membri l-oħra, inkariga lis-segretarju tal-istess Ġunta jibgħat telegramm lill-Gvernatur ta' Malta, u preċiżament dak numru 32 tal-21 ta' Jannar 1960, (ara fol. 212), li ġie konċepit mill-istess segretarju fuq dak li kien qallu l-istess President, u li x-xhud Crawley, qabel ma spedieh, wera lil Sir George Honeymoon biss. F'dan it-telegramm intqal illi s-suġġeriment li l-proċedura li kellha tiġi adottata fil-formazzjoni tal-"lodo", fis-sens li l-istess proċedura tiġi mħollija lill-istess Bord, kienet qegħdha tikkostitwixxi ostakolu u intralċ fl-għoti sħiħ ta' konsiderazzjonijiet li n-natura tal-"lodo" kienet timplika, u għalhekk il-Bord kien qiegħed jitlob deċiżjoni mill-Gvern u l-Unioni (Medika) dwar il-forma tal-istess "lodo", li setgħet tkun aċċettabbli minnhom f'każ ta' dissens. Ġie wkoll suġġerit

li din id-deċiżjoni setgħet tassumi l-forma sew tal-fehma tal-president sew tal-maġġjoranza tal-membri tal-Bord;

Kif jidher ċar, almenu għal din il-Qorti, dak it-telegramm fil-qiegħ tiegħu, kien qiegħed juri suġġeriment dwar il-forma tal-"lodo" mill-parti tal-membri tal-Bord, li l-istess "lodo" jkun aċċettabbli lill-partijiet, jew jekk jiġi magħmul biss mill-president tal-Bord jew jekk ikun magħmul mill-maġġjoranza — żewġ alternattivi li fil-menti tal-membri ta' dak il-Bord kienu jew waħda jew l-oħra, liema minnhom mill-kompromettenti tiġi adottata, twarrab l-ostakolu li kienu qegħdin isibu l-arbitri, li f'idejhom kienet ġiet mill-istess kompromettenti mħollija l-kwistjoni tal-proċedura skond it-telegramm tal-24 ta' Novembru 1959 (dok. E fol. 22 tal-proċess) u skond l-ittra tat-2 ta' Diċembru 1959;

Bħala risposta għal dan it-telegramm tal-21 ta' Jannar 1960, is-segretarju tal-Bord irċieva t-telegramm tat-28 ta' Jannar 1960 (per mezz tas-Segretarju tal-Kolonji), fejn intqal, wara determinazzjoni tas-suġġett u ċ-ċitazzjoni tat-telegramm numru 32 (21 ta' Jannar 1960), li:— "Matter has been discussed with Union. While Government would be prepared to accept Chairman's award or majority award, Union holds that decision of Board should reflect the views of all the members of the Board, and that it should not be difficult for Board to devise a way of achieving this and of giving as a consequence a unanimous decision. In the circumstances it has been agreed with Union to leave procedure of Board for decision by Board itself as in paragraph 2 of confidential telegram number 644 of the 24th November, 1959" (ara dok. 7 fol. 23 tal-proċess u fol. 22 għall-aħħar riferenza);

Hawn għandu jiġi rilevat li l-membri kollha tal-Ġunta ġew infurmati bil-kontenut, per mezz ta' kopja sew tat-telegramm tal-21 kemm ta' dak tat-28 ta' Jannar 1960, mis-segretarju tal-Bord (ara fol. 307 ittra tat-3 ta' Frar 1960 bħala eżemplari tal-"covering letter" tat-2 ta' Frar 1960 (fol. 306): fl-aħħar paragrafu hemm menzjoni tat-telegramm tal-21 ta' Jannar 1960, li evidentement meta nkitbet l-ittra kien għadu ma wasalx it-telegramm in risposta għal dak l-istess cablegram;

In segwitu għall-kommunikazzjoni tat-telegrammi fuq imsemmija lill-membri tal-Ġunta, is-segretarju tal-Bord ipprepara l-parti ntroduttiva u dik narrattiva tal-"lodo", mill-ewwel paragrafu sal-paragrafu 20 (paragrafi l-20), li kienu jikkomprendu l-fatti u sottomissjonijiet tal-kompromettenti *meta* dehru quddiem l-istess Ġunta. Dan l-abbozz ġie sottomess lill-istess membri tal-Bord għall-vidimazzjoni tagħhom bl-ittri akkompanjatorji li eżemplari tagħhom tinsab fil-kopja msemmija fil-fol. 316 tal-proċess, indirizzata lil Dr. Wand, u li ġġib id-data tat-2 ta' Frar 1960. Tant Dr. Wand kemm ukoll iż-żewġ membri tal-Bord l-oħra għamlu xi korrezzjoni u suġġeriment emendanti l-istess abbozz tal-ewwel għoxrin paragrafu tal-"award", li s-segretarju nkorpora u li jinstabu illum imniżżla fil-"lodo" in kwistjoni tat-18 ta' Mejju 1960;

Evidentement (ara ittra tal-5 ta' Frar 1960 ta' Dr. Wand fol. 308 u 116 u 117 tal-proċess), il-membri tal-Bord sal-5 ta' Frar 1960 kienu għadhom qegħdin jippruvaw jaslu għal xi direttiva komuni diretta jew indiretta dwar il-forma tal-"lodo"; anzi dan id-dissens ipprotraha ruħu sat-23 ta' Marzu 1960, bil-parteċipazzjoni anki tas-segretarju, kif jidher mid-dokumenti li jinstabu fil-fol. 348-350; imma sa mill-5 ta' Frar 1960 l-istess membri kienu jaqblu, jew almenu indirettament u impliċitament aderew u approvaw il-parti narrativa u l-preliminari tal-"lodo", u ċjoè dwar il-kontenut tal-ewwel għoxrin paragrafu kif minnhom ritokkati (ara depożizzjoni Crawley fol. 218 u ittra ta' Dr. Wand tal-5 ta' Frar 1960 (fol. 308 u 351). Anzi, mill-ittra tal-ewwel ta' April 1960 (fol. 309) miktuba mis-segretarju tal-Bord u ndirizzata lil Dr. Wand, donnu jidher li l-abbozz tal-"lodo" rivedut reġa' ġie kommunikat lir-riċeventi bl-aġġunta u nserzjonijiet ulterjuri suġġeriti mill-president tal-istess Bord u l-abbozz tal-paragrafi finali tal-"award" magħmula mill-istess Sir George Honeymoon komprendenti l-paragrafi 21 u 22, u paragrafu 23 liema l-aħħar paragrafu kien kontemplat li kellu jirriproduċi l-iskala salarjali li kienet sejra allura tiġi rakkomandata mill-istess Dr. Wand;

F'din l-istess korrispondenza hemm l-aċċenn tal-konferma għar-regola dettata mill-Ministru tax-Xogħol (Ingliż), li jingħad li kien qiegħed jaġixxi bħala konsultur tal-

proċedura u tal-formazzjoni tal-Bord, li l-prattika aċċettata in materja kienet li ma jiġux apposti motivazzjonijiet u raġunijiet għall-konklużjonijiet skalari ta' salarji u fissazzjonijiet ta' sommom, li għalihom ikun wasal il-Bord, in segwitu għall-affermazzjoni li l-president u l-arbitru Trundle lanqas kienu ttentaw li jagħtu dawk il-motivi fil-paragrafu 22, fejn kienu niżżlu l-fissazzjonijiet salarjali tagħhom fl-istess ħin b'aċċenn li għall-istess raġuni r-rapport ma kellux jinkludi motivazzjonijiet għall-iskala ta' salarji li Dr. Wand xtaq li jirrakkomanda;

Minn din l-ittra jidher, kwindi, li fl-epoka tal-ewwel ta' April 1960, jew ftit qabel, (1) kien hemm diverġenza sostanzjali dwar il-meritu tal-"lodo" bejn il-membri tal-Ġunta, (2) il-"lodo" kellu jikkontjeni tlieta u għoxrin paragrafu, wieħed minnhom (oltre l-għoxrin paragrafu tal-preliminari u narrattivi) li kien jikkontjeni l-iskali ta' salarji rakkomandati mill-President u mill-arbitru Trundle (para. 22), u paragrafu ieħor (para. 23) kontenenti l-iskala ta' salarji ta' Dr. Wand (3) u kien hemm apparenti diverġenza dwar jekk is-salarji rakkomandati kellhomx jew le jiġu motivati b'rikjam għar-regola konfermata mill-prattika kostanti enunċjata mid-dipartiment hemm imsemmi (4) ma ġiex menzjonat x'kien sejjer ikun il-kontenut tal-paragrafu 21;

Hawn huwa tajjeb li jingħad li fl-ittra tat-23 ta' Marzu 1960 (fol. 350), indirizzata lil Dr. Wand mill-president tal-Ġunta, jirriżulta (1) li t-tentattiv li ż-żewġ partijiet f'Malta sabiex jaqblu dwar il-forma speċifika tar-rapport kien abortixxa, (2) li l-president u l-arbitru Trundle kellhom f'rashom li jippublikaw il-"lodo" kif abbozzat mis-segretarju u kif emendat mill-membri tal-Ġunta kollha tal-Bord, bl-aġġunta tad-dikjarazzjoni li l-istess membri ma kienux fil-meritu laħqu l-unanimità, u bl-inklużjoni tal-iskali ta' salarji rakkomandati mill-membri tal-Bord ta' opinjonijiet differenti, (3) li ebda motivazzjonijiet ma jkunu ammessi, in omaġġ għall-prattika kostanti "in subjecta materia", (4) li Dr. Wand seta' jemenda l-iskala ta' salarji minnu rakkomandati, u l-istess kienu sejrin jiġu nkorporati, u li l-istess president u l-arbitru Trundle kienu ftehmu dwar l-iskali ta' salarji li kienu sejrin jirregolaw il-"lodo";

Għal din l-ittra tal-president u dik tal-ewwel ta' April 1960, mibgħuta mis-segretarju, Dr. Wand inkwieta ruħu u wieġeb bl-ittra tad-9 ta' April 1960 lil Sir George Honeymoon, fejn in sostanza qal:— (1) Li r-riferenza li Crawley kien għamel fl-aħħar paragrafu tal-ittra tal-ewwel ta' April 1960 lill-Ministry of Labour ma kien qatt fehemha li għandha taffetta l-indipendenza *tal-Bord bħala korp maħluq in* forza tal-konvenzjoni bejn iż-żewġ kompromettenti, u ma setgħax jara kif kwalunkwesijasi dipartiment governamentali kellu x'jaqsam mal-Bord ħlief bħala "convenient channel"; (2) li għalkemm kien ġie jaf mill-korrispondenza li għaddiet bejn il-membri l-oħra tal-Bord, kif ukoll is-segretarju u bejnu, *li ma kienetx ħaġa proprija li jkun* hemm il-motivi għall-iskali ta' salarji li setgħu "hinc inde" jiġu rakkomandati, eppure l-membru dissenzjenti mill-oħrajn u fil-minoranza ma kellux biss jillimita ruħu għal skala prettament numerika mingħajr ma jaddući ebda raġuni; (3) u fl-aħħarnett li huwa kien bi ħsiebu jibgħat "minority report" mar-ritorn tal-abbozz, fejn kien juri, wara li ħaseb ħafna figuri *oħra f'ċerti rispetti* differenti minn dawk li huwa kien ta lill-istess president, qabel fil-post fejn semma fl-istess ittra;

Mill-ittri sussegwenti (dik tal-14 ta' April 1960, miktuba mill-president tal-Bord u ndirizzata lil Dr. Wand, fol. 354, *u dik li kiteb Dr.* Wand indirizzata lill-president bla data fil-fol. 357), jirriżulta li fit-12 ta' April 1960 Dr. Wand bagħat lill-president tal-Bord abbozz tal-"award", akkompanjat minn rapport tal-minoranza, (u ċjoè ir-rakkomandazzjonijiet tas-salarji tiegħu; ġiet kjarifikata r-riferenza li Crawley għamel għall-Ministru tax-Xogħol Ingliż fl-ittra tiegħu tal-ewwel ta' April 1960, u li Dr. Wand evidentement interpreta ħażin; ġie rikjamat il-fatt tad-dissens sa *minn* qabel ma nstemgħu l-partijiet dwar il-prattika kostanti talassenza ta' raġunijiet u motivi għall-iskali ta' salarji rakkomandati; ġiet espressa l-opinjoni li tant parti (il-president u l-arbitru Trundle) kemm l-oħra (Dr. Wand) ma kellhomx ħlief jirrakkomandaw l-iskali ta' salarji li huma rispettivament kien jidhrilhom li t-tobba kien ħaqqhom skond *l-istruttura stabbilita, b'esklużjoni ta'* raġunijiet għal dawk ir-rakkomandazzjonijiet; saret kritika mill-president tar-rapport tal-minoranza ta' Dr. Wand b'xi ombra

velata ta' allegazzjonijiet mhux pruvati dwar l-esperjenza in materja simili għall-tattispeċje tal-każ in kwistjoni ta' Dr. Honeymoon u Trundle, li Dr. Wand intiża fir-rapport ta' minoranza tiegħu, u ġew magħmula osservazzjonijiet oħra li jidhru aħjar mill-qari tal-ittra dok. no. 8 (fol. 354), li dwarhom din il-Qorti mhix imsejħa teżamina u tapprezza; u fl-aħħarnett l-espressjoni ta' l-isperanza li Dr. Wand jaqbel li l-iskali rakkomandati minnu jiġu publikati bla ebda raġunijiet akkompanjatorji, għar-raġuni li l-argumenti tiegħu kollha kontenuti fir-rapport tiegħu, issa b'mod wieħed u issa b'mod ieħor, kienu nklużi mir-rispettivi partijiet fis-sommarju tas-sottomissjonijiet, u ma kienx deżiderabbli li jiġu speċifikatament appoġġjati minn ebda wieħed mill-arbitri;

Għal din l-ittra ta' Sir George Honeymoon, Dr. Wand irrisponda b'ittra oħra (dik markata dok. no. 19 fol. 357, li ma ġġibx data), fejn, wara li rripudja kwalunkwe responsabbiltà li Honeymoon kien tefa' fuqu dwar id-dissens filmeritu bejniethom, u li l-istess president allega li kienet dovuta għal "unwillingness to agree" ta' Dr. Wand, reġa' sostna li ried jippreżenta "minority report" bir-raġunijiet annessi, u għadda biex isostni l-proposti tiegħu; u fl-istess ħin, jekk kien neċessarju, offra li jagħmel xi emendi għar-rapport tiegħu li kien bagħat lill-president; u għalaq l-ittra billi qal li huwa kontra qalbu kien pront jippublika s-salarji bla ma jagħti ebda raġuni, taħt il-kondizzjoni li jkunu akkompanjati minn paragrafu jew kliem li kienu juru li, jekk huwa jiġi mitlub, kien lest li jagħti r-raġunijiet għar-rakkomandazzjoni ta' l-iskala ta' salarji minnu proposta u li ma kienetx taqbel ma' l-iskala taż-żewġ arbitri l-oħra;

Wara din il-korrispondenza nterna l-Bord reġa ltaqa', wara nofs inhar fit-tard fl-uffiċċju ta' Dr. Wand fis-sede tal-British Medical Association, fid-29 ta' April 1960; f'liema seduta ma kienx preżenti s-segetarju tal-Bord. Dan l-aħħar imsemmi, għalkemm ma kienx preżenti għal dik is-seduta, eppure kien irċieva minn għand il-membri tal-Bord xi korrispondenza fejn fiha hemm aċċenni għal dak li kien allura sar, u kwindi, sew l-ittri li rċieva, sew dak li ġie jaf fi żmien bikri, jista' jkun ta' rilevanza. Infatti, l-ittra tat-2 ta' Mejju 1960 (fol. 310) ġiet riċevuta mis-se-

gretarju. F'din l-ittra l-president informa lis-segretarju li huma (il-membri tal-Bord) ma kienux qablu fuq is-sostanza tal-"lodo" (skali tas-salarji li kellhom jiġu rakkomandati), iżda kienu qablu li Dr. Wand ma kellux jissenja jew japponi l-firma tiegħu għall-"lodo", u li in vista ta' dan fl-istess "lodo" kellha tiġi mogħtija l-ispjegazzjoni l-għala Dr. Wand ma kienx sejjer jiffirmah; u l-istess segretarju ġie wkoll infurmat u provvdut b'kopja tal-abbozz li l-president kien bagħat lil Dr. Wand sabiex l-istess jiġi approvat mill-istess Dr. Wand. Dan l-abbozz kien jikkonċerni l-paragrafi 21 u 22 tal-"lodo" u l-kanċellament tal-paragrafu 23, li inizjalment kellu jikkomprendi l-iskala ta' salarji li kien ried jirrakkomanda Dr. Wand, u li dan l-aħħar imsemmi, kif jidher mill-korrispondenza preċedenti, ried jimmotiva;

Għal din l-ittra l-aħħar imsemmija, is-segretarju rċieva l-ittra tal-ħamsa ta' Mejju 1960 (fol. 312), miktuba minn Dr. Wand lill-President tal-Bord minn fejn jidher li l-istess Dr. Wand kien irċieva l-abbozzi ġodda tal-paragrafi 21 u 22 u li dwarhom esprima ruħu fis-sens li ma kienx kompletament soddisfatt, u ppropona "re-draft" tagħhom, li huwa kkomunika, u fl-istess ħin, milli jidher għax kien nesà, staqsa x'kien il-paragrafu 23 li Honeymoon kien ippropona li jiġi mħassar mid-"draft" inizjali;

Fis-6 ta' Mejju 1960 (fol. 314), Honeymoon wieġeb għall-ittra ta' Dr. Wand, u li dan kien kiteb fil-5 ta' Mejju 1960, ċirka xi kliem kontenut tar-"re-draft" tal-paragrafu 21 kif suġġerit minn Dr. Wand; inoltre, il-president għan-nom tiegħu u, milli jidher anki għan-nom tal-arbitru Trundle, ma aċċettax l-emendi ta' Dr. Wand tal-paragrafu 22; spjega lil Dr. Wand x'kien jikkontjeni l-paragrafu 23, li kellu jiġi mħassar mill-"lodo" definittiv; u nforma lil Dr. Wand li kien sejjer jitlob lis-segretarju kopja tal-"lodo" sabiex jiġi iffirmat, iżda mhux qabel Dr. Wand ma kienx sejjer jaderixxi għall-inklużjoni ta' ċerta kelma hemm imsemmija;

Dr. Wand, bl-ittra tas-7 ta' Mejju 1960 (fol. 315); wieġeb għall-aħħar ittra tal-president fejn sostna dwar il-kelma jew kelmiet li fuqhom kien hemm kontestazzjoni dwar il-paragrafu 21 dik li huwa kien uża fir-"re-draft" tiegħu

(lieina kelmiet, kif jista' jidher, ġew fil-fatt inkorporati u adottati fl-"award" tat-18 ta' Mejju 1960 (fol. 111); u inoltre, wara li kkwalifika l-kliem adoperat mill-president u aderiti minn Trundle fil-paragrafu 22, wisq dogmatiku, ried u nsista li jkun hemm fil-"lodo" apposti xi kliem li huwa ppropona fis-sens li l-president u l-arbitru Trundle kienu tal-opinjoni li jiġi publikat non ostanti li huwa (Dr. Wand) ma kienx sejjer jiffirma;

Għall-kliem varjanti alternattivament proposti minn Dr. Wand fil-paragrafu 22, il-president u l-arbitru Trundle, infurmati bit-telephone, ma kienux lesti biex jaċċettaw dawk l-istess kliem menzjonati speċifikatament minn Dr. Wand, imma ssuġġerew kelma oħra, li Dr. Wand meta ġie nfurmat bit-telephone mis-segretarju, lanqas kien pront jaċċetta l-inserzjoni tagħha. In segwitu ġiet suġġerita frażi oħra mill-arbitru Trundel, u fiż-17 ta' Mejju 1960 is-segretarju nforma lil Dr. Wand bit-telephone li kienet ġiet suġġerita l-frażi "under the circumstances" fl-inserzjoni msemmija, li Dr. Wand spiċċa biex aċċetta, kif jidher mid-deposizzjoni tas-Segretarju (fol. 224). Is-segretarju tal-Bord jgħid li l-membri tal-Bord l-ewwel qablu fuq il-kliem li ġie mniżżel fl-"award" dwar il-paragrafu 21, u in segwitu dwar il-kliem tal-paragrafu 22 (ara fol 224 u 225). In segwitu, is-segretarju issottometta r-rapport jew "award" biss lill-president u l-arbitru Trundle (l-għaliex Dr. Wand kien iddeklina li jiffirma) għall-firma tagħhom, u fl-20 ta' Mejju 1960 inbagħatet lil Dr. Wand l-ittra li kopja tagħha tinsab fil-fol. 317.);

Illi sa hawn il-fatti juru dak li sar, il-korrispondenza ntervenuta bejn il-membri tal-Bord u s-segretarju, u dak li dan l-aħħar imsemmi ġie jaf fi żmien bikri qabel ma nqalgħet il-kwistjoni odjerna. Huwa tajjeb issa li l-Qorti tara u teżamina xi jgħidu u x'kien fil-fatt l-atteġġjament tattliet membri tal-Bord, speċjalment fis-seduta tad-29 ta' April 1960;

Illi, kif fuq intqal, u jista' jiġi intravist mill-korrispondenza, qabel is-seduta tad-29 ta' April 1960 kien hemm bejn il-membri tal-Bord abbozz inizzjali tar-rapport, jew "award". In kwantu għall-paragrafi minn numru 1 san-

numru 20 ma jidherx li kien hemm ebda dissens; in kwantu għall-paragrafi 21, 22 u 23, kien hemm differenzi, u ċjoè diverġenzi profondi fuq il-meritu kif ukoll diversità ta' opinjoni dwar jekk l-iskali ta' salarji "hinc inde" rakkomandabbli kellhomx jew le jiġu rispettivament motivati fil-korp tal-"award"; l-għaliex, mentri l-president u l-arbitru Trundle kienu tal-opinjoni li l-motivi ma kellhomx jiġu publikati, ċjoè riedu li jiġu publikati weħedhom is-salarji, Dr. Wand kien qiegħed isostni l-opinjoni kuntrarja, u jsostni li huwa bla motivazzjoni lanqas kien bi ħsiebu jippublika l-iskali ta' salarji rakkomandati minnu, jew almenu ried jimponi kondizzjonijiet bħal dak tal-qiegħ tal-ittra li tinsab fil-fol. 307 u ta' wara, li l-membri l-oħra, milli jidher, ma kienux tal-parir li jiġu aċċettati;

Illi meta l-membri tal-Bord iltaqgħu fid-29 ta' April 1960 fl-uffiċċju ta' Dr. Wand fis-sedi tal-British Medical Association, ġiet diskussa partikolarment il-kwistjoni jekk Dr. Wand kellux jew le jippublika l-iskala ta' salarji li huwa kien bi ħsiebu jirrakkomanda, u li ma kienetx taqbel ma' dik taż-żewġ arbitri l-oħra, u fl-istess ħin jekk kellux jagħti r-raġunijiet għall-fissazzjoni ta' salarji minnu prexelti. Il-president u l-arbitru Trundle kienu opposti għall-proposta ta' Dr. Wand li japponi r-raġunijiet għall-iskala tas-salarji tiegħu, l-għaliex l-istess kienet tkun kamp fertili għal diskussjonijiet u argumenti aktar tard; u in vistà ta' din l-oppożizzjoni Dr. Wand insista li jgħid li, jekk ma jsirx kif ried huwa, kien iddeċieda li ma jippublikax anqas l-istess skala ta' salarji minnu rakkomandabbli weħedha. Kien għalhekk li l-paragrafu 23, li oriġinalment kellu jkun inkorporat mal-"award" u li kellu jikkontjeni indikattivament il-lista ta' salarji li kellu idea jirrakkomanda, u li "draft" tagħhom kien inbagħat lill-president fl-14 ta' April 1960 (*dok. no.* 18 *fol.* 354 *u dok. no.* 19 *fol.* 357, *li jikkonfermaw dan il-fatt*), ġie finalment kanċellat;

Ġie ukoll bejn il-membri tal-Bord stabbilit li fl-"award" kellu jiġi nserit paragrafu b'effett li juri l-għala Dr. Wand ma kienx sejjer ikun firmatarju tal-"lodo" (ara depożizzjoni Trundle fol. 237, depożizzjoni Honeymoon fol. 229, depożizzjoni Dr. Wand fol. 398, u ittra tat-2 ta' Mejju 1960 fol. 310);

Jirriżulta wkoll mid-depożizzjoni ta' Honeymoon (fol. 230) u ta' Trundle (fol. 237) l-għaliex Dr. Wand, mħabba li għadda ħafna żmien mis-seduta sa ma xeħed ma ġiex assistit mill-memorja tiegħu, u fuq dan il-pont ma qal xejn, li l-president, li kien inkarigat li jiddraftja jew aħjar jabbozza l-paragrafi finali tal-"lodo", u ċjoè in-numri 21 u 22, li dwarhom, u ċjoè dwar kif ġew konċepiti għaddiet bejniethom il-korrispondenza li fuq ġa ġiet relatata, li ħa parti instrumentali anki fiha s-segretarju tal-istess Bord; u fl-aħħarnett, skond Honeymoon u Trundle (mhux negat minn Dr. Wand li llimita ruħu jgħid li huwa ma setgħax jikkostringi lill-oħrajn ma jagħmlux dak li riedu jagħmlu, l-għaliex kienet tkun ħaġa improprija li tindaħlilhom li jagħmlu azzjoni li huma kien jidhrilhom li kienet tajba jew idonea), li huma (Honeymoon u Trundle) biss kellhom jiffirmaw l-"award". Dr. Wand stess jammetti li f'din is-seduta ġie deċiż li huwa ma kellux jiffirma r-rapport, jew "award", u l-oħrajn aċċettaw li huwa ma jiffirmax (ara fol. 389), u li l-ittra tat-2 ta' Mejju 1960 (fol. 310) tponi akkuratament fid-dawl dak kollu li ftehmu fis-seduta in parola (ara depożizzjoni Dr. Wand fol. 404). Inoltre, Dr. Wand qal li l-konċezzjoni tal-paragrafi 21 u 22 ġiet lilu sottomessa għal debitu ta' korteżija, u ma eskludiex (għax dejjem il-memorja ma kienetx tassistieħ) li l-arbitri l-oħra fis-seduta msemmija setgħu kienu ppromettewlu l-abbozz finali tal-"award". Huwa aċċertat li dwar il-proċedura tal-formazzjoni tal-"lodo" ebda formula speċjali ma ġiet użata bejn il-membri tal-Bord, imma ntqal li in vista tad-dissens il-president u Trundle kienu sejrin jiffirmaw l-"award" bl-iskali tagħhom, jew aħjar minnhom rakkomandati, salv li jingħad l-għala Dr. Wand ma kienx sejjer ikun firmatarju. Fil-fatt sar dak li kienu dwar il-parti preliminari u sostanzjali tal-"award" jaqblu fuqu l-president u Trundle, u anki l-istess Dr. Wand, u dwar il-formazzjoni tal-"lodo" dak li huwa kontenut fl-ittra tat-2 ta' Mejju 1960 (fol. 310), u li dwarha anki Dr. Wand qal li tirrappreżenta akkuratament dak li sar fis-seduta tad-29 ta' April 1960;

Illi kif il-konvenuti nomine ġew notifikati bil-"lodo", kitbu l-ittra tat-22 ta' Mejju 1960 (fol. 19) u rripudjaw l-"award", billi qalu li abortixxa u falla, u talbu, in forza tal-konvenzjoni tal-25 ta' Mejju 1959, sezzjoni 12, abbokka-

ment ġdid biex jaraw x'għandu jsir għall-akkomodament tal-punti in kwistjoni bejn il-kontraenti fl-isfond tal-konvenzjoni fuq imsemmija. Il-Gvern Ċivili, "per tutta risposta", sostna ġudizzjarjament il-validità tal-"lodo", u qal li kien sejjer jimplementah; mentri l-"Medical Union", per mezz ta' kontroprotest (fol. 20), ġiebet il-quddiem ir-raġunijiet tagħha għall-invalidità *tal-"lodo"*, b'mod li l-Gvern Ċivili għażel il-vija ġudizzjarja bil-kawża odjerna;

**Ikkunsidrat;**

Illi, stabbiliti l-fatti rilevanti a bażi tal-kawża odjerna, din il-Qorti tħossha fid-dmir li tippremetti ċerti prinċipji legali li fid-dottrina u xjenza ġuridika jipprevalu "in subjecta materia", sabiex wara, bl-ajjut tal-prinċipji ġenerali, tgħaddi għall-eżami u determinazzjoni tal-kwistjoni deferita għall-istudju tagħha;

**Ikkunsidrat;**

Illi "in subjecta materia" d-dottrina ġuridika tagħmel distinzjoni bejn arbitrati, arbitraġġi, kompromessi, komponimenti amikevoli, li mhux hawn il-lok li din il-Qorti għandha tokkupa ruħha dwarhom "in extenso", għal raġunijiet wisq ovvji u ċari;

Dawn l-istituti huma radikati kollha fid-Dritt Naturali. l-għaliex huma l-konsegwenza naturali tad-dritt li kulħadd għandu li jobliga ruħu kif ukoll tad-dritt li jiddisponi mill-ħwejjeġ proprjiji. Fil-"Kodiċi di Rito" tagħna (art. 967-986 Kap. 15), dan l-istitut huwa ntitolat Arbitraġġ, apparti l-Att numru XXXVIII tal-1948, kif emendat, intiż li jipprovdi sabiex ma jinqalgħux u jinqatgħu bi ftehim kwistjonijiet tax-xogħol. Iiema l-aħħar Att jirrigwarda t-"trade disputes". u li l-partijiet fil-kawża preżenti eskludew l-operazzjoni tiegħu "di diritto" u taħt il-kondizzjoni msemmija fil-para. 6 tal-konvenzjoni tal-25 ta' Mejju 1959 (ara fol. 8 u ta' wara tal-proċess);

Skond *l-aħjar dottrina*, l-istitut kontemplat fil-liġi "di rito" tagħna jaqa' taħt il-klassifika tal-arbitrati formali jew ritwali, li d-deċiżjoni tagħhom għandha karattru pub-

liku, u mhux privat u d-deċiżjoni tagħhom tekwivali għal vera u proprija sentenza bħal dik pronunzjata mill-Qrati Ordinarji, mingħajr ebda bżonn mill-parti ta' dawn l-aħħar Qrati msemmija ta' ebda ġudizzju ta' konjizzjoni u konsegwenti regolari u ordinarja nġunzjoni koerċittiva (art. 251 (d) u 967 u ta' wara, Kap. 15); l-għaliex "di per sè" hija ta' karattru eżekuttiv, jekk tiġi osservata l-liġi dwar l-arbitraġġ;

It-tliet istituti rikonoxxuti mill-iskulari tad-dottrina ġuridika jippresupponu ħaġa li fuqha jkun hemm kwistjoni sew qabel kemm ukoll wara li l-kwistjoni tiġi mressqa quddiem Qorti; u din il-"ħaġa in kwistjoni" timplika kuntrast ta' nteressi li jrid ikun jassurġi għal xi drittijiet soġġettivi li jkunu muniti b'azzjoni legali, salva l-esklużjoni bħala materja suġġetta għall-arbitraġġ ta' ċerti drittijiet ta' indoli prettament formali, jew ta' ħwejjeġ u drittijiet li ma jistgħux jiffurmaw materja ta' kuntratt, sew b'mod assolut sew mingħajr ċerti formalitajiet meħtieġa indispensabbilment mill-liġi (ara art. 971(2) Kap. 15);

Flimkien ma' dawn l-arbitrati ritwali d-dottrina ssemmi li hemm l-arbitrat irritwali u l-arbitraġġ (li fl-istess xjenza jiddifferixxi mhux biss naturalment mill-arbitrat ritwali imma wkoll minn dak irritwali), li huma ta' natura privata. Il-partijiet li jisservew b'dawn l-istituti esklużivament privati jobligaw ruħhom preventivament li jadottaw id-determinazzjoni ta' wieħed jew aktar minn wieħed investit bir-riżoluzzjoni ta' differenza jew kontroversja, li għandhom jammettu bħal li kieku dik l-istess riżoluzzjoni tkun il-frott ta' ftehim dirett bejniethom. Fi kliem ieħor, il-verdett tal-arbitri jew, skond il-każ. arbitraturi, għalkemm ma għandux il-valur ta' sentenza ta' Qorti. ma jistgħax ikollu l-valur ta' riżoluzzjoni kontrattwali, li kontra tagħha jistgħu dejjem ikunu proponibbli quddiem l-awtorità ġudizzjarja, bħal ma ugwalment jista' jsir għal kwalunkwe speċi ta' konvenzjoni, dawk l-oppożizzjonijiet u reklami li jkunu jistgħu jsorġu minn nuqqas ta' xi rekwiżit meħtieġ għall-validità ta' kuntratt, imma qatt reklami u eċċezzjonijiet ta' nuqqas ta' formalitajiet proċedurali; l-għaliex, salv kuntrarju ftehim "inter partes", in-normi tal-proċedura mhumiex applikabbli għal dawn l-ispeċi ta' istituti, li mhumiex

veru u propriju ġudizzju kontenjus, u r-respons jew deċiżjoni tal-arbitri jew, skond il-każ, arbitraturi, mhijiex u ma tistgħax tkun paragonata għal sentenza vera u proprija;

Jekk huwa minnu, però, li għal dawn l-arbitrati liberi, normalment u "prima facie", mhumiex applikabbli, lanqas b'interpretazzjoni loġika, in-normi stabbiliti mill-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili imposti għall-arbitrat ritwali, l-għaliex l-arbitrat liberu jopera fuq il-pjan kontrattwali, mentri l-arbitrat ritwali jirrientra fl-isfera u kamp publiku, eppure din il-Qorti, fuq opinjoni awtorevolment espressa minn diversi awtoritajiet in materja, u loġikament sana, tippropendi biex tirritjeni l-applikabbilità b'analoġija ta' ċerti normi, li hija mposta għal ċerta neċessarja assimilazzjoni u għan-natura ntrinseka tar-rapport ġuridiku ntervenut bejn il-komprometttenti. Hekk, "ad exemplum", li b'att ta' arbitraġġ, kompromess, arbitrat, komponiment liberu, kompromess *irid isir bil-miktub*; li l-arbitru, jew arbitratur, jew l-"umpire", skond il-każ, mhux obligat jaċċetta l-mandat jew inkarigu; li l-istess persuni prexelti mill-partijiet ma jistgħux jirrinunzjaw wara l-aċċettazzjoni; li ċerti materji joħorġu mill-ambitu ta' kwalunkwe kwalità ta' arbitraġġ; etċ. Jingħad ukoll li in tema ġenerali, meta s-suġġett tal-kuntratt ikun jimplika, apparti l-konjizzjoni perfetta tal-materja in diskussjoni u *r-relazzjonijiet li jikkostitwixxu* l-ġudizzju, li hija l-vera deċiżjoni li huma ndispensabbli, komparazzjonijiet ta' kwalifiki, esperjenzi, responsabbiltajiet u kondizzjonijiet ta' żewġ klassijiet differenti tal-istess kommunità jew nazzjon ir-relazzjoni ma tista' qatt tiġi matematikament u "ad unguem" stabbilita, imma tabilfors tintervjeni miżura mhux indifferenti ta' diskrezzjonalità u ta' ekwità, ċjoè ta' dak l-"arbitrium boni viri" li jħares, anzikkè għar-riġida norma tal-liġi lejn il-ġustizzja sostanzjali, purkè l-arbitriju diskrezzjonali ma jikkonfliġġix mal-liġi u ma jivvjolax in-normi pożittivi tal-ġustizzja;

Illi fuq intqal, li n-natura kontrattwali tal-arbitrat liberu u d-determinazzjoni arbitrali hija *normalment u naturalment* kunsidrata mill-komprometttenti bħala espressjoni tal-istess volontà tagħhom; kif ukoll ġie affermat li fir-respons tal-arbitri f'materji komparattivi ta' svarjati klassijiet soċjali, tidħol neċessarjament ċerta miżura, mhux

dejjem indifferenti, ta' diskrezzjonalità. Minn dan jitnissel li l-arbitru jew, skond il-każ, arbitratur, mhuwiex tenut u obligat jimmotiva r-respons tiegħu, ammenokkè, s'intendi, fl-iskrittura kompromissorja jew f'xi miktub ieħor "inter-partes", ma jkunx ġie espressament impost dak l-istess obligu. Dan, del resto, huwa konsegwenza loġika li titnissel ukoll mill-miżura ta' diskrezzjonalità fuq imsemmija fir-relazzjoni komparattiva ta' salarji ta' klassijiet ta' sfera diversa fis-soċjetà u tal-preklużjoni ta' rieżami tal-meritu deċis li jirrappreżenta l-istess volontà tal-partijiet;

Illi ma jistgħax jiġi diskonoxxut li dottrinarjament il-karatteristika essenzjali tal-mandat "a concilaire" konferit mill-partijiet lill-privat jew privati jirrappreżenta l-elevazzjoni tat-tielet persuna jew persuni fi pjan superjuri għal dak li jkunu jinstabu fih dawk li jeleġġuhom, fl-isfera lilhom delimitata. L-eletti sabiex jikkomponu d-differenzi jew kontroversji, malli hekk jiġu prexelti u huma jaċċettaw l-inkarigu jassumu dover ta' ġustizzja u diliġenza fil-konfronti tal-komprometttenti kollha; u huwa ċertament u paċifikament aċċertat li huma għandhom ikunu mparzjali fil-konfronti tal-partijiet indipendentement jekk jiġux jew le prexelti għall-kapaċitajiet tagħhom u fiduċja riposta fihom mill-partijiet kollha, jew minn waħda mill-partijiet, jew mill-istess arbitri magħżula mill-partijiet jew minn xi awtorità oħra. Il-fatt li arbitru jikkjarixxi u jippreżenta fid-dawl l-aktar idoneu l-elementi assunti u żviluppati mill-kontraent jew parti li tkun għażlitu bħala arbitru, jew, skond il-każ, arbitratur, ma jintakkax "per sè" l-element meħtieġ tal-imparzjalità; imma min hekk jaġixxi ma għandux assolutament jinsa li huwa anki l-mandatarju tal-parti l-oħra wkoll, u d-deċiżjoni jew respons li jkun irid jagħti għandu jkun esklużivament ispirat kontemporaneament għall-interessi reċiproċi tal-komprometttenti;

Illi huwa elementari li fir-respons li jistgħu jagħtu l-arbitri, tant ritwali kemm irritwawli, huwa dejjem meħtieġ li tiġi nterpretata l-volontà tal-partijiet komprometttenti, li tista' tiġi deżunta mill-kontenut intrinseku tal-patt, ċjoè l-eżami tal-klawsoli jew kwalunkwe skritt jew miktub supplementari jew komplementari;

Illi dan li ġie premess huwa bejn wieħed u ieħor ta' utilità, fil-ħsieb kunsidrat ta' din il-Qorti, għall-kwistjoni odjerna. Din il-Qorti sejra tgħaddi issa biex in tema ġenerali titkellem fuq il-kompożizzjoni tal-arbitraġġ u tar-rifless ta' din il-kompożizzjoni, f'każi fejn ikun hemm eletti aktar minn arbitru jew arbitratur wieħed, fuq il-funzjonament tal-kulleġġ arbitrali;

Illi, *skond id-dottrina kontinentali, jingħad* dwar il-kompromess, arbitrat liberu u dak irritwali (li l-aktar huma se maj ta' nteress f'din il-kawża), li huwa konkordement rikonoxxut li l-partijiet komprometTenti huma liberi li jinnominaw arbitru waħdani jew aktar minn arbitru jew arbitratur wieħed; f'din l-aħħar ipotesi anki f'numru pari. F'dan il-każ jista' mill-istess partijiet *jiġi prestabbilit* il-mod tal-funzjonament tal-korp jew kulleġġ arbitrali, b'mod li jingħad in vija ta' eżempju; u ġie ritenut mill-ġurisprudenza kontinentali li jistgħu jiġu nominati żewġ arbitri bil-fakoltà li jinnominaw arbitru ieħor, ċjoè terza persuna, fil-każ ta' dissens bejniethom; imma jekk dan ma jiġrix, u l-arbitri nominati f'numru pari ma jirnexxilhomx li jifthemu fuq ir-riżoluzzjoni li għandhom jieħdu, lill-partijiet komprometTenti ma jibqagħlhomx ħlief li jipprovdu, direttament jew indirettament (p.e. billi jinkarigaw anki lill-istess arbitri nominati *inizjalment*) għan-nomina ta' arbitru ieħor għall-formazzjoni tal-maġġjoranza jew inkella jirrevokaw l-inkarigu lill-arbitri nominati. Jistgħu però anki jiġu nominati aktar minn wieħed jew żewġ arbitri, u ċjoè jiġi elett korp jew kulleġġ arbitrali, u ċioè tliet arbitri (jew aktar), li tnejn minnhom jiġu nominati wieħed minn kull parti rispettiva, mentri t-tielet wieħed jiġi nominat minn persuna jew minn xi awtorità oħra. F'każ ta' pluralità ta' arbitri jidher ċar illi jekk in-numru jkun ta' żewġ arbitri, huwa meħtieġ li jkun hemm bejniethom ftehim fuq ir-riżoluzzjoni li għandhom jieħdu, biex ikun "lodo" validu; mentri jekk l-arbitri ikunu aktar minn tnejn, għandu jipprevali l-kriteriu tal-maġġjoranza, ammenokkè l-partijiet komprometTenti ma ikunux espressament irrikjedew pronunċja unanimi assolutament;

Fl-Ingilterra, l-istat tal-liġi in materja (section 9(2) Arbitration Act 1950 — 14 George VI, C. 27) huwa li, meta kwistjoni tiġi deferita għal tliet arbitri, il-klawsola li l-"award" magħmul minn numru anqas mill-arbitri kollha huwa validu hija impliċita (salv li ma tiġix espressa intenzjoni kuntrarja), u l-"award" ta' tnejn mill-arbitri jorbot; u l-istess prinċipju huwa sostnut mill-"case law" ingliża (British Metal Corporation Limited v. Ludlow Bros. Ltd. (1938) All E.L.R. 135);

Illi minn dan jitnissel, loġikament u naturalment, li meta n-numru tal-arbitraturi jkun ta' tliet membri, il-kriterju tal-maġġjoranza f'każ ta' dissens għandu jipprevali;

Illi fl-aħħarnet jingħad, in tema ġenerali, li kull arbitru komponenti l-korp kompromissorju jew arbitrali jiġi fdat b'inkarigu in kollaborazzjoni mal-oħrajn, li jobligah impliċitament li jipparteċipa fil-formazzjoni u espressjoni tal-volontà kolleġġjali. Il-fatt li xi membru ma jkunx jaqbel mal-oħrajn u jkun in minoranza ma jiġġustifikahx jinnega s-sottoskrizzjoni tiegħu fil-"lodo"; se maj, jista' jiffirma u jgħid li huwa dissenzjenti. U peress li "nemo potest cogi precise ad factum", in-nuqqas ta' firma fil-lodo tal-arbitru in minoranza, jekk tiġi mill-arbitri in maġġjoranza menzjonata fil-korp tal-"lodo", bir-raġuni li tista' tkun rifjut jew impossibbilità ma tipprovokax l-invalidità tal-istess "award"; għar-raġuni li huwa jkun ħa parti fis-smiegħ tal-provi, formazzjoni u diskussjoni, sabiex tiġi raġġunta l-volontà tal-istess korp, anki jekk tipprevali l-maġġjoranza;

Illi dak li ntqal dwar l-istituti msemmija għandu anki valur għall-klawsola kompromissorja kontenuta f'kuntratt jew konvenzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ġenerali, li, fil-ħsieb kunsidrat ta' din il-Qorti, għandhom jirregolaw il-materja in diskussjoni, din l-istess Qorti sejra tgħaddi ulterjorment sabiex teżamina l-kwistjoni lilha deferita fil-fattispeċje tagħha;

Illi qabel xejn jingħad illi l-patt 12 tal-iskrittura tal-25 ta' *Mejju 1959 (dok. A. fol. 8 u ta' wara tal-proċess)* għandu l-karattru ta' sempliċi klawsola kompromissorja apposat f'konvenzjoni "inter partes", u l-patti 13 u 15 tal-istess kitba huma ta' indoli u karattru supplementari u komplementari għall-eventwalità tal-operazzjoni tal-patt 12. In-natura tal-konvenzjoni mhijiex dik ta' ħaġa jew dritt normalment persegwibbli b'azzjoni forensi, imma tikkost twixxi materja ta' differenza ta' nteressi ta' indoli u karattru pjuttost soċjali, ekonomiċi, amministrattivi, imma li dwarhom il-partijiet qablu kontrattwalment li jirregolaw, *jew aħjar li jaraw li jkunu regolati, mingħajr ksur ta' ebda liġi*, b'mod privat. Infatti, fil-patt numru 6 l-konvenuti nominė ddikjaraw li f'każ ta' dissens bejniethom kienu ben jifhmu li huma ma setgħux jitolbu l-arbitraġġ b'jedd, u l-uniku tribunal speċjali tal-arbitraġġ f'dawn il-Gżejjer huwa dak kontemplat fl-Att numru XXXVIII tal-1948, kif regolarment emendat;

Illi ma tistgħax tiġi tralaxxjata l-konsiderazzjoni u traskurat il-ħsieb li normalment il-klawsola kompromissorja tiġi (*mingħajr ma tiġi eskluża, kif jingħad fid-dottrina*, in bażi għar-"ratio legis", l-ammissibbilità tagħha għar-rapporti pre-eżistenti, li ma jitnisslux jew ma jitwieldux minn kuntratt) konkluża "inter partes" qabel ma tqum ebda kontroversja jew differenza, meta bejniethom ikun hemm biss rapport li minnu jistgħu jsorġu xi differenzi jew kontroversji. Fil-verità jista' jiġi affermat li mill-istess klawsola kompromissorja, mill-mument li tiġi kompletata u perfezzjonata bl-elementi proprji tagħha ma jitwieledx ebda proċediment attiv in forza tal-klawsola, iżda ssorġi *il-possibbilità potenzjali tal-attivazzjoni u operazzjoni* tagħha għad-differenzi kontroversjali li jkunu biss merament eventwali. Huwa f'dan is-sens li riedet tfisser il-Qorti li l-patt numru 12 tal-iskrittura ntervenuta bejn il-kompromittenti għandu t-togħma jew sapur ta' klawsola kompromissorja. Anki l-fatt li l arbitri ma ġewx minnufih nominati tissottjeni u tirrafforza din l-ipotesi;

**Ikkunsidrat;**

Illi dwar il-formazzjoni tal-"award" jingħad:—

1. It-tliet arbitri kienu preventivament a konjizzjoni tal-fatt li għall-formazzjoni tal-"lodo" il-proċedura kienet ġiet imħollija f'idejhom; iżda la mit-telegramm dok. E fol. 22, kif lanqas mit-telgramm tat-28 ta' Jannar 1960, ma ġiet imposta għal din id-deċiżjoni ebda proċedura speċjali mill-partijiet. Ix-xewqa tal-"Medical Officers' Union", li jekk jista' jkun ikun hemm deċiżjoni unanimi dwar il-formazzjoni tal-"award", hija newtralizzata bit-tieni parti ta' dak l-istess dokument, fejn intqal li taħt iċ-ċirkustanzi ġie mifhiem li l-proċedura ġiet imħollija f'idejn il-Bord kif kien ġie suġġerit fit-telegramm tal-24 ta' Novembru 1959 (li jekk xi wieħed mill-arbitri ma kienx jaf bih, setà, kif kien dmiru, juża d-diliġenza li jkun jaf bih, kif kienet timporta l-aċċettazzjoni tiegħu tal-inkarigu), wara li l-Unjoni ddikjarat li biss aprijoristikament ma setgħetx taderixxi għal regolament deċiżiv tal-President waħdu. Minn dan jitnissel, loġikament, li, peress li s-suġġeriment tal-Unjoni in parola ma kienx ta' karattru mperattiv imma ta' indoli ta' deżiderabbilità, it-tieni parti tal-istess telegramm għandha tipprevali la ma kienx fil-fatt possibbli li fil-korp kompromissorju jkun hemm dik l-unanimità li kienu jixtiequ. Din il-volontà tal-partijiet kienet ukoll timplika diskrezzjonalità; u billi kif fuq dottrinarjament impliċitament intqal, l-arbitri liberi sabiex jaslu għad-deċiżjoni tagħhom mhumiex ostretti għal "ebda formula partikulari jew speċjali", fin-nuqqas ta' provvediment kuntrarju volut mill-partijiet, huma setgħu jaslu għar-respons tagħhom sew espressament sew virtwalment kif kien jidhrilhom li jkun xieraq skond l-istat tal-fatti eżistenti, in vista tal-fatt li fin-nuqqas ta' unanimità il-kwistjoni proċedurali kienet ġiet kompletament u nteramènt, bla ebda kondizzjoni, imħollija għalihom.

2. Bejn l-20 ta' Jannar 1960 u d-29 tal-istess xahar u sena, fi ħdan il-korp jew kulleġġ kompromissorju kien jidher li kien hemm dissens dwar il-meritu tal-"award", u anki dwar jekk l-iskala ta' salarji li ried jirrakkomanda Dr. Wand kellhiex tkun motivata kif huwa ried jagħmel. Dawn il-kwistjonijiet kellhom rifless fuq il-formazzjoni tal-"lodo". F'dan l-intervall ta' żmien Dr. Wand kellu l-idea, minnu espressa, li jippreżenta u jippublika l-iskali li huwa kien sejjer jaħseb u jirrakkomanda, u li huwa kien in se-

gwitu lesta u baghat lill-President tal-Bord fl-ittra tal-14 ta' April 1960; però baqa' jinsisti għall-kondizzjoni li l-istess tkun akkompanjata minn raġunijiet, jew, fin-nuqqas, minn xi diċitura li huwa kien lest biex jagħti l-motivazzjonijiet għas-salarji prexelti u fissati minnu — pretensjoni li, kif fuq intqal meta ġew apposti l-prinċipji ġenerali dottrinarji in materja, tidher li mhix mill-prattika ammessa u soltu ssir fl-arbitrati bħal dak in parola. Minn dan jitnisel li, salvi l-kondizzjonijiet li Dr. Wand ried japponi, huwa in prinċipju kien tal-parir, u fil-fatt kien wera l-volontà tiegħu, li jkun hemm "lodo" ta' maġġjoranza, u li, kieku ġew aċċettati l-kondizzjonijiet tiegħu, kien anki jiffirma l-"lodo". Kien jaf ukoll li l-arbitri l-oħra, għalkemm ma kienetx intużat ebda formula espressa bejniethom, kienu impliċitament u bil-fatti konkreti qegħdin isostnu deċiżjoni ta' maġġjoranza, u huwa ma kienx qiegħed jopponi ruħu għaliha, la bil-kliem u lanqas bil-fatti. Jekk dak li kien allura kontemplat bħala abbozz tal-"lodo" ma ġiex pubblikat għar-raġunijiet riżultati u ampjament relatati, jibqa' dejjem loġikament u virtwalment minnu li bl-azzjoni u fatt il-prinċipju tal-maġġuranza numerika kien impliċitament qiegħed jiġi aċċettat mill-membri kollha tal-Bord sa mill-epoka fuq imsemmija; u biex bniedem raġjonevoli jinduna b'din il-volta u tendenza attiva, ma jidherx li għandu jew kellu bżonn ta' ebda spjegazzjonijiet jew ta' xi kultura legali profonda;

3. Fis-seduta tad-29 ta' April 1960 kien ġie deċiż li ssir l-inserzjoni tal-para. 21, li kellu juri r-raġuni l-għala Dr. Wand ma kienx sejjer jiffirma l-"award", paragrafu li nsista għalieh l-istess Dr. Wand wara li l-arbitri l-oħra kienu pperswadewh li f'arbitrati simili ma kienetx il-prattika kostanti li l-fissazzjonijiet ta' salarji jiġu motivati, b'mod li huwa allura ddeċieda li ma jitniżżlux lanqas fil-"lodo" l-iskali ta' salarji li kienu sejrin jiġu minnu rakkomandati, l-għaliex huwa riedhom jitniżżlu biss jekk ikunu motivati. Ġie stabbilit ukoll li Sir George Honeymoon, kif fil-fatt wara sar, jinkariga ruħu, fuq dak li qalulu l-membri l-oħra, li jabbozza tant il-paragrafu 21 kemm ukoll il-paragrafu 22; u fuq dan il-punt Dr. Wand baqa' sieket fid-depożizzjoni tiegħu, l-għaliex probabbilment il-memorja tiegħu ma kienetx tassistieh, kif ma ħebiex li, peress li mill-jum tad-

depożizzjoni tiegħu għall-jum ta' meta saret is-seduta kien għadda ħafna żmien, mentri ż-żewġ arbitri l-oħra kienu pożittivament kategoriċi fuq dan l-inkarigu, u l-fatti susegwenti jiġġustifikawhom, l-għaliex fil-fatt l-ewwel abbozz ta' dawk il-paragrafi wara s-seduta li fuqha qiegħed isir diskors sar mill-President tal-Bord; u dan huwa wkoll, almenu indirettament, konfermat, kif fuq ġie relatat, missegretarju tal-Bord. Fl-aħħarnett, fl-istess seduta ġie stabbilit li l-"lodo" kellu jiġi ffirmat minn Honeymoon u Trundle, u dan huwa nduttivament deduċibbli mill-ittra tat-2 ta' Mejju 1960 (li Dr. Wand fix-xhieda tiegħu qal li tirriproduċi b'akkuratezza eżattament dak li sar f'dik is-seduta), kif ukoll direttament mill-ittra tas-6 ta' Mejju 1960, miktuba mill-president lil Dr. Wand f'epoka meta kien għad ma kienx hemm ebda biża li sejra tqum din il-kwistjoni quddiem il-Qrati. In konsegwenza, ma jistgħax minn dan li rriżulta mill-provi ħlief jiġi ndott u dedott li l-membri tal-Bord, għal dak li kien jirrigwarda l-formazzjoni tal-"lodo". kienu jaqblu, għalkemm kienu dissenzjenti dwar il-parti sostanzjali u konklużjonijiet tal-meritu involut fil-kwistjoni u l-materja tal-"award";

4. Il-parteċipazzjoni attiva fil-formazzjoni tal-"lodo", li ħa parti fiha fil-fatt Dr. Wand, twassal għall-istess konklużjoni li għaliha tħoss li għandha tasal din il-Qorti. Infatti, Dr. Wand qabel fuq il-paragrafi minn numru 1 sannumru 20 kif jinstabu nkorporati fl-"award"; qabel ukoll fuq il-konċezzjoni u diċitura tal-paragrafu 21 u ma setgħax ma jaqbelx magħha, l-għaliex, wara xi diskussjoni dwar xi termini, fil-fatt ġie aċċettat l-abbozz tiegħu, u mhux dak inizzjali tal-president (ara fol. 15 para. 21; fol. 311 para. 21 ta' Honeymoon; u fol. 313 ta' Dr. Wand). Dwar il-konċezzjoni u diċitura tal-para. 22 magħmula minn Dr. Wand ingħad bla ebda idea ta' kritika, imma obbjettivament illi l-kliem "feel to be obliged to declare" (fol. 313) ċertament ma hijiex fraseoloġija li setgħet tiġi aċċettata f'materja simili. Huwa fatt li fuq dan il-paragrafu kien hemm ħafna diskussjonijiet fuq ċertuni tal-kliem, u fl-aħħarnett l-istess Dr. Wand aċċetta l-abbozz ta' Sir George Honeymoon bl-inserzjoni tal-kliem "under the circumstances". Din il-parteċipazzjoni ta' Dr. Wand fil-formazzjoni ta' dawn il-paragrafi hija alkwantu sinifikattiva u

titkellem weħedha. Del resto, l-istess Dr. Wand fix-xhieda tiegħu (fol. 399) qal li ħa parti fid-diċitura ta' dawn iż-żewġ paragrafi l-għaliex kellhom riflessi fuq xulxin, qiesu li ried jgħid li kienu interdipendenti fl-espressjoni ta' dak li kien qiegħed iħoss. Anki jekk tiġi aċċettata din l-ispjegazzjoni, kif din il-Qorti ma tiddubitax minnha, jibqa' dejjem assodat li bil-parteċipazzjoni tiegħu huwa kien qiegħed jaċċetta l-verdett tal-maġġuranza, imma fih ried li ma jiġux okkultati s-sentimenti tiegħu, ħaġa li l-arbitri l-oħra, li ma qablux miegħu, ma kellhomx, mill-aġir tagħhom fuq is-suġġett in kwistjoni, ebda ombra ta' ħsieb li riedu jiċċelaw jew jaħbu, tant li aderew inkondizzjonatament u totalment għall-para. 21 suġġerit mill-istess Dr. Wand. Huwa minnu li Dr. Wand għal din il-parteċipazzjoni attiva tal-paragrafi konsaputi attribwixxa lill-arbitri l-oħra l-kwalifika ta' att ta' kortesija, imma din il-Qorti ma tħossiex ġustifikata miċ-ċirkustanzi kollha riżultati li tista' tilqa' bil-favur din l-ipotesi. Biex jiġi muri minn waħda miċ-ċirkustanzi riżultati kemm dik l-iotesi mhix suffragata mill-"probatum", huwa biżżejjed li wieħed jara l-aħħar paragrafu tal-ittra tas-6 ta' Mejju 1960 (fol. 314), li timporta parteċipazzjoni attiva ta' Dr. Wand dwar l-abbozzi tal-aħħar tliet artikoli tal-"lodo" kif ukoll l-ittra tat-23 ta' Marzu 1960 (dok. nru. 15 fol. 350 para. 2) u l-ittra tal-14 ta' April 1960 (dok. 18 fol. 354). u dik bla data (dok. nru. 19 fol. 357), li ma jirrikjedux kommenti, apparti ċirkustanzi oħra li ġraw qabel is-seduta tad-29 ta' April 1960;

5. L-arbitru Trundle, mhux merut minn ħadd, qal li fis-seduta tad-29 ta' April 1960 Dr. Wand qatt ma esprima ruħu fis-sens li, jekk l-"award" ma jiġix firmat minnu, jaqa' u ma jkunx validu; lanqas esprima ruħu li, jekk jiġi firmat biss mill-President u Trundle, l-"award" ma jkunx validu (fol. 239). Hawn għandu jingħad li l-ewwel fatt, negat mix-xhud imsemmi, anki kieku r-risposta għalieh kienet f'sens pożittiv f'lok negattiv, ma kien ikollha ebda valur legali; l-għaliex, kif ġa ntqal, meta ġew trattati l-prinċipji dottrinarji "in subjecta materia", l-assenza ta' firma ta' wieħed mill-kulleġġ tal-arbitri, jekk tiġi msemmija fil-korp tal-"lodo" bir-raġuni kif f'dan dan il-każ kienet imsemmija u motivata l-mankanza tal-firma ta' Dr. Wand mill-"lodo" tat-18 ta' Mejju 1960 bil-paragrafu 21, ma tip-

prokurax jew ma tipprovokax in-nullità tal-"award"; u del resto fuq dan il-punt Dr. Wand fid-depożizzjoni tiegħu ma qal xejn. Dwar it-tieni risposta Dr. Wand fid-depożizzjoni tiegħu qal li huwa kien jirritjeni l-"award" bħala null, imma din l-affermazzjoni tiegħu hija sempliċi opinjoni u mhux fatt; u huwa ma kienx qiegħed jixhed bħala espert sabiex jagħti opinjonijiet tekniċi, u kwindi dik l-espressjoni ma jistgħax ikollha valur legali;

6. In subordine jingħad, għall-grazzja tal-argument, illi, anki kieku kellu jiġi ritenut li Dr. Wand ma aderixxiex bl-azzjoni u fatt tiegħu għall-vot tal-maġġuranza, dan l-istess vot kellu jipprevali għall-kwistjoni tal-proċedura skond il-prinċipji dottrinàrji in materja. Infatti, meta l-*Unjoni* tal-Uffiċjali Tobba qablet li jinbagħat it-telegramm tat-28 ta' Jannar 1960, għalkemm hija ssuġġeriet li d-deċiżjoni kellha tirrifletti l-veduti kollha tal-membri tal-Bord, u qalet li seta' *ma jkunx diffiċli għall-Bord li jsib mezz* biex jottjenieh b'konsegwenza ta' deċiżjoni unanimi, kompliet tgħid li taħt iċ-ċirkustanzi ġie miftiehem (bejn il-Gvern u l-Unjoni) li l-kwistjoni tal-proċedura għall-finijiet tad-deċiżjoni tal-korp kompromissorju kienet sejra tiġi mħollija lill-istess Bord għat-termini tal-para. 2 tat-telegramm konfidenzjali numru 644 tal-24 ta' Novembru 1959, li jinsab fil-fol. 22 tal-proċess. Issa, peress li ma kienx possibbli li l-Bord isib il-mezz sabiex jottjeni l-unanimità li kienet tkun tirrifletti l-veduti unanimi tal-membri tal-kulleġġ kompromissorju, daħlet awtomatikament in operazzjoni skond il-volontà tal-partijiet, it-tieni alternattiva. Dwar din l-alternattiva ebda forma ma ġiet imposta mill-partijiet għall-operazzjoni tagħha, u kwindi ma setgħax ikun hemm ħlief dik il-formazzjoni suġġerita mid-dottrina in materja, u ċjoè l-forma tal-vot tal-maġġuranza, minħabba d-disparità tal-membri prexelti. Jekk ma kienx sejjer jiġi adottat dak li l-awtoritajiet isostnu f'każ ta' disparità, konna nkunu konfrontati bl-assurd li dwar il-materja sostanzjali l-arbitri fid-diskrezzjoni mħollija f'idejhom, setgħu jiddeċidu b'maġġuranza ta' voti, u għal dak li jirrigwarda l-proċedura, mingħajr provvediment "ad hoc" mill-parti tal-kompromettenti, id-deċiżjoni kellha tkun dik ta' unanimità. Kwindi

anki taħt dan l-aspett ipotetiku fuq din l-ewwel eċċezzjoni, l-"lodo" in kwistjoni huwa validu u legali, l-għaliex tnejn jagħlbu wieħed;

Ikkunsidrat;

Illi dwar il-kap tal-ispejjeż din il-Qorti jidhrilha li n-novità tal-kwistjoni u ċerta diffikultà tal-meritu jissuġġerixxu temperament;

**Għalhekk;**

**Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni konvenuta, u tiddikjara illi in relazzjoni għal dik l-oppożizzjoni d-deċiżjoni tal-Bord imsemmi hija valida, riżervata lill-partijiet kontendenti t-trattazzjoni eżami u deċiżjoni tal-valur tal-istess deċiżjoni tal-Bord dwar it-tieni eċċezzjoni, li l-partijiet talbu li tiġi delibata aktar tard; u inoltre tirriżerva kwalunkwe eżami u deċiżjoni dwar il-kwistjonijiet legali li tista' timplika l-istess tieni eċċezzjoni. L-ispejjeż jibqgħu bla taxxa; dritt tar-Reġistru għall-konvenuti nomine; u tqiegħed il-kawża "sine die", riappuntabbli anki a domanda verbali, sa ma jgħaddi ż-żmien għall-interpożizzjoni tal-appell minn din is-sentenza.**